

- 2) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2013/3[2]/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (magħrufa bħala d-“Direttiva dwar il-Proċeduri”) jistgħu jiġu interpretati, għal darba oħra fid-dawl tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sens li leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li tistipula terminu mandatorju wieħed ta’ total ta’ 60 jum għal proċeduri ġudizzjarji fi kwistjonijiet tal-ażil, irrispettivament minn kwalunkwe ċirkustanzi individwali and mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tal-każ jid-diffikultà potenzjali marbuta mal-evidenza, hija kompatibbli ma’ dawn id-dispożizzjonijiet?

---

(<sup>1</sup>) Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall) fl-24 ta’ Jannar 2019 — SONAEOM, SGPS, SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

(Kawża C-42/19)

(2019/C 139/31)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinvju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SONAEOM, SGPS, SA

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

**Domandi preliminari**

- 1) It-tnaqqis tat-taxxa mhalla mir-rikorrenti Sonaecom SGPS f-servizzi ta’ konsulenzo assoċjati mal-istudju tas-suq bil-għan tal-akkwist ta’ ishma, liema akkwist ma seħħx, huwa konformi mar-regoli ta’ tnaqqis tal-VAT imsemmija fis-Sitt Direttiva tal-VAT (<sup>1</sup>), b’mod speċifiku l-Artikoli 4(1) u (2) u 17(1), (2) u (5)?
  
- 2) It-tnaqqis tat-taxxa mhalla mir-rikorrenti Sonaecom SGPS fil-ħlas lil BCP ta’ kummissjoni għall-organzazzjoni u strutturazzjoni ta’ self obbligatorju allegatament miksub bil-għan li tiġi integrata l-istruttura ta’ finanzjament tal-kumpanniji parteċipanti tagħha, u li, ġaladbar dawn l-investimenti ma seħħewx, spiċċat ġiet applikata għal kolloks minn Sonae, SGPS, l-impriża omm tal-grupp, huwa konformi mar-regoli ta’ tnaqqis tal-VAT imsemmija fis-Sitt Direttiva tal-VAT, b’mod speċifiku l-Artikoli 4(1) u (2) u 17(1), (2) u (5)?

---

(<sup>1</sup>) Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta’ Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-ligżejjiet ta’ l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta’ stima (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitulu 9, Vol. 1, p. 23).

---